**L-isfida Ewlenija għal dan il-Pajjiż fix-Xhur li ġejjin – Ġbir u l-Immaniġġjar tal-iskart**

Bla dubju ta' xejn illi l-ikbar sfida li qed u se jkun qed jiffaċċja f' pajjizna fix-xhur li ġejjin, hija dik tal-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart. Din hija sfida li ilha fuq ix-xefaq ta' Pajjizna imma ghal dawn l-aħħar 50 sena, konna ċassi u ħsibna li s-sitwazzjoni li ninsabu fiha illum, mhi se tasal qatt.

Illum ghadna sitwazzjoni fejn Pajjizna qed jonfoq miljuni ta' ewro sabiex jiġbor minn wara djarna, tunellati ta' skart kuljum. Servizz li għalih, ir-resident mhu jhallas xejn (sa certu punt). Qed ngħid dan għaliex ftit huma dawk li jirrealizzaw illi parti kbira mit-taxxa tagħhom, tmur propju biex jiġi trattat l-iskart li huma stess jarmu.

Dan isir b' diversi modi, fosthom , b' investiment ta' miljuni kbar sabiex ikollna impjanti li jkunu kapaċi jisseparaw u jitrattaw l-iskart li narmu ta' kuljum. Miljuni oħra ta' flus jintefqu fuq ikel li ma jiġix ikkunsmat u jispiċċa jintrema. Dan hu l-iktar skart li jħammeġġ u diffiċli biex jiġi trattat biex imbgħad jispiċċa fil-mizbliet tagħna.

Din hija waħda mill-ikbar problemi li għandu Pajjizna; li l-mizbla nazzjonali tagħna issa kwazi faret u fi zmien sena għal sena u nofs oħra, ma jkunx fadal fejn titfa' borza waħda. Ifisser li jekk mhux se jsir pjan issa, fi zmien ftit xhur, Pajjizna se jkun qed jiffaċċja waħda mil-ikbar problemi li qatt kellu quddiemu. Naf u konvint li l-Gvern għandu pjanijiet dwar dan. Pjanijiet li rridu nammettu, se jkunu qed jitħaddmu tard minħabba n-nuqqas li kien hemm f' dan il-qasam tul dawn l-aħħar 40 – 50 sena.

Imma dan mhux bizzejjed. Biex il-pjan u l-istrateġija tal-Gvern jaħdmu, hemm bzonn koperazzjoni minn kulħadd. Hemm bzonn li l-iskart jigi separat fl-origini tiegħu. Hemm bzonn li kull qasam jew settur, ikollu l-mezzi biex jaghmel dan. Hemm bzonn li jkun hemm min jinforza u jara li dak li suppost qed isir, effettivament ikun qiegħed isir. U propoju għal dan irrid nasal.

Irridu nitilqu mill-punt tat-tluq billi nammettu li f' Pajjizna għad hawn Maltin li qajla jimpurtahom minn x'se jħallu warajhom f'sens ambjentali għal uliedhom. Għad għadna Maltin li jinteressahom biss mill-għatba 'l ġewwa. Dawn huma nies li l-ebda kampanja edukattiva, twila kemm hi twila, mhi se tibdilhom. Multi drastiċi biss jistgħu iwasslu sabiex jedukaw din il-faxxa ta' nies u dan mhux isir. Dan in-nuqqas qed iwassal sabiex dawk li ghandhom sens ċiviku u jagħmlu d-dover tagħhom, jibdew jirraġunaw li l-impenn tagħhom mhu jwassal għalxejn għax haddieħor qed jigi jaqa' u jqum minn kull sens ċiviku u allura għaliex għandi nkun jien biss li nagħmel is-sagrifiċċji?

Min qed ibgħati minn dan kollu? Min qed jigi akkuzat li mhu jagħmel xejn? Min qed jigi attakkat fil-media soċjali li m'għandux snien ma' nies smili? Min qed jigi attribwit b' din ir-responsabbilta'? Ħadd ħlief il-Kunsilli Lokali, u dan mhux ġust!

Hu propju għalhekk li bħala Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed inressqu dokument bi proposti konkreti dwar kif din l-isfida għandha tigi megħluba. Biex issolvi problema trid l-ewwel temmen li tezisti. Mhux biss, trid tistaqsi dwarha lil min qed iġarrabha u jgħixha kuljum. Dan trid taghmlu għax ħadd ħliefu ma jista' jgħidlek x' qed jikkawzaha

u allura x' inhuma s-soluzzjonijiet. Jibqa' biss imbgħad li wara li tisma', tifhem dak li qed jiġi propost u tara' li jiġi attwat. Din hi l-fazi imbgħad li jrid iwettaqha l-Gvern tal-ġurnata.

Ejja nibdew billi naraw x'inhi s-sitwazzjoni prezenti fil-maġġoranza tal-lokalitajiet. Jekk wieħed ifettilu darba s-Sibt wara nofs inhar (wara li sa saghtejn qabel ikun għadda l-kuntrattur tal-ġbir), imur f' lokalitajiet bħal; Swieqi, San Pawl il-Baħar, San Ġiljan, Paceville, Ħamrun, Sliema, Kirkop, Qawra, Marsaxlokk, Rahal Ġdid, Tarxien, Marsaskala, Mellieħa, biex insemmi ftit, isib diġa ruxxmata boroz suwed jistennew lil kollettur sat-Tnejn filgħodu sabiex jinġabru. Dan sagħtejn biss wara li jgħaddi l-kollettur. Immaġinaw ftit wiehed x' isib il-Ħadd wara nofs inhar u t-Tnejn filgħodu. Din il-problema tkompli tikber jekk Kunsill partikolari ma jiġborx il-borza s-sewda it-Tnejn għax jiġbor il-borza organika, li fiha suppost ikun hemm fdalijiet ta' ikel u skart organiku ieħor. Dan ikun ifisser li jekk ir-resident ma jkunx issepara l-iskart tiegħu u fil-borza s-sewda jitfa' skart organiku, din il-borza, mis-Sibt wara nofs inhar tibqa' fuq il-bankina sal-Erbgħa ta' wara, għaliex imbgħad it-Tlieta ukoll ma tinġabarx il-borza s-sewda għax jingabar biss l-iskart riċiklabbli. Mela immaginaw ftit ix-xenarju li qed ikollna; Boroz suwed jiġru barra mis-Sibt wara nofs inhar sal-Erbgħa filgħodu! Dan għax uħud jiddeċiedu li jiġu jaqgħu u jqumu mill-obbligi li huma għandhom lejn il-lokalita tagħhom, lejn Pajjizhom.

Dan iwassalni għal konkluzjoni waħda; zmien li nedukaw għadda, spiċċa. M' hemmx x' teduka. Kulhadd jaf li għandu jissepara'. L-unika soluzzjoni hija infurzar.

Il-proposti iwasslu sabiex minnhom stess wieħed jiduna minn fejn ġejja l-problema. Nibdew narawhom waħda waħda u nagħtu s-soluzzjonijiet għalihom. X' inhuma dawn il-proposti?

- Separazzjoni tal-iskart fl-oriġini tiegħu - Obligatorju
- Sistema aktar faċli kif ċittadin jista' jirraporta xi abbuz
- Multi li jitħallsu immedjatament fuq il-post
- Aċċess għal Kunsilli Lokali tal-Amministraturi tal-blokkok – Reġistrazzjoni
- Leġislazzjoni fuq is-sidien tal-appartamenti
- Reġistrazzjoni tal-Barranin li jgħixu fil-lokalita'
- Spot checks fuq il-kolletturi
- Kamra tal-iskart f' kumplessi ta' iktar minn 4 appartamenti
- Leġislazzjoni ġdida fuq id-dominju pubbliku
- Ħinijiet tal-ġibr

## Is-separazzjoni 'at source'

Kif għidt qabel, għad hawn nies li qed jonqsu milli jaghmlu dak mistenni u mitlub minnhom, minkejja li jafu x' għandhom jagħmlu permezz tad-diversi kampanji edukattivi li saru u li swew eluf ta' flus.

Kieku s-separazzjoni ssir kif għandu jkun, allura l-borza s-sewda m'għandhiex għalfejn tinġabar iktar minn darba fil-gimgħa. Allura s-soluzzjoni hi li s-separazzjoni trid tiddaħħal b' mod mandatorju.

Il-ħwienet, supermarkets u oħrajn kbar, għandu jkollhom fuq is-sit tagħhom, faċilita' ta' separazzjoni sabiex il-kollettur tagħhom ma jħallatx l-iskart meta jiġbru.

Hija responsabbilta' tal-Gvern imbgħad li jara' li jkollu sistema effiċċjenti ta' infurzar, b' deterrent qawwi li wieħed ikollu jaħsibha darbtejn qabel jabbuza'.

**Sistema aktar facli kif ċittadin jista' jirraporta' l-abbuzi**

Bhalissa għandna sistema redikola li jekk cittadin, b' sens ċiviku u impenn, jara' abbuz u jmur jirraporta, dan ikun mitlub illi jitla' jixhed sabiex jiddentifka' lil persuna u jgħid dak li ra. Dan anki meta jiġi pprovdut ritratt jew video tal-abbuz li jkun qed isir.

Hemm bzonn tibdil leġislattiv li l-provi provduti miċ-ċittadin ikunu suffiċċjenti sabiex issir gustizzja u minn jabbuza jieħu dak li ħaqqu. Bizzejjed wieħed ikun ħa l-inkarigu li jagħmel rapport, ma nistghux nippretendu wkoll li jieħu xi ġurnata off mix-xogħol biex jitla' jixhed, kultant kontra l-ġar tieghu.

**Multi li jitħallsu 'on the spot'**

Sitwazzjoni reali hija li meta b' ħafna kedded xi ħadd jigi mħarrek, issib li sakemm dan jirċievi riferta biex jidher quddiem it-tribunal, jew ikun bidel l-indirizz jew inkella jkun xi barrani li jkun ilu gimgħat li telaq minn pajjizna.

Sitwazzjoni li jekk int Malti u tinqabad tabbuza' tħallas, u hekk għandu jkun imma jekk tkun barrani, tgħaddieha lixxa.

Dan m'għandux ikun l-uniku rimedju u li l-multi, f' certi kazi jridu jitħallsu fuq il-post stess.Li wieħed ma jkollux flus fuqu mhix skuza. Nagħti ezempju... Barra minn xtutna jekk tinqabad bla biljett fuq karozza ta' trasport pubbliku, l-uffiċjal tal-infurzar jigi miegħek sa l-eqreb ATM li jkun hemm u dak il-hin ikollok tiġbed il-flus li għandek bzonn biex tħallas. Darba tipprova titkessaħ ghax jekk ma thallasx, tibqa' arrestat sakemm xi qarib tiegħek jew ħabib jiġi bil-flus dovuti għal multa li tkun weħilt.

X' għandna inqas minn Pajjizi ohra biex inħaddmu sistemi simili?

**Aċċess għal Kunsilli Lokali tal-Amministraturi tal-blokkok – Reġistrazzjoni**

Waħda mill-problemi li jiffaċċjaw il-Kunsilli Lokali u li qed tikkontribwixxi bil-kbir għal din is-sitwazzjoni hija illi ħafna appartamenti 'short let', ħadd ma jkun jaf min qed joqgħod fihom. Wisq u wisq inqas min qed jammistra dik il-blokka partikolari.

Li jigri hu illi hekk kif l-inkwilin joħrog mill-appartament għax ikun skadilu z-zmien, normalment fi tmiem il-gimgħa, is-sid jibgħat fattiga biex tnaddaf il-post. Din naturalment, tbattal dak kollu li ssib u toħorgu barra għal meta jiġi l-kollettur għaliex ftit siegħat wara irid jidħol il-klijent li jmiss. Dan iwassal biex nispiċċaw bi blokka appartamenti b' ruxxmata boroz suwed fid-daħla tagħha.

Ahna qed ngħidu li kull Amministratur ta' blokka appartamenti għandu jkollu l-obligu li jmur jirreġistra għand il-Kunsill Lokali rispettiv, il-blokkok li jkun qed jieħu ħsieb f' dik il-lokalita'. Dan iwassal sabiex il-Kunsill Lokali jkollu referenza fejn idur jekk iseħħ abbuz minn wieħed minn dawk l-apartamenti. Il-leġislazzjoni għandha tkun b' mod illi l-Amministratur ikollu d-dettalji kemm tas-sid kif ukoll tal-inkwilin ta' kull appartament.

Ifisser li s-sid għandu obligu li jinforma' lil Amministratur kull darba li jkun hemm bidla fl-inkwilini fl-appartamenti tiegħu.

Dan iwassal sabiex jibda jkun hemm responsabbilta' u ċ-ċirku ta' abbuz jibda jingħalaq.

**Leġislazzjoni fuq is-sidien tal-appartamenti**

Is-sitwazzjoni bħalissa hija tali fejn is-sidien tal-appartamenti qajla jagħtu kaz lil min qed jikru l-appartament tagħhom jew il-mod li dawn qed iġibu ruħhom fih. Dan iwassal biex jagħmilha aktar diffiċli għall-Kunsilli Lokali sabiex irazznu kull tip ta' abbuz li jista' jseħħ.

Għaldaqstant, bħal fil-kaz tal-Amministraturi, aħna qed ngħidu illi għandu jkun hemm leġislazzjoni b' mod fejn is-sid tiġi attribwita' fuqu r-responsabbilta' ta' għemil l-inkwlin tiegħu. Ifisser li jekk kien hemm abbuz mill-inkwiln u dan ġie mmultat imma ma ħallasx il-mutla għal xi raguni jew ohra (m'għandux ikun bil-proposta li għamilna aktar 'il fuq), dan ikollu jħallas hu. Wara kollox hekk jiġri meta persuan tikri karozza u tagħmel kontravenzzjoni għax it-taħrika toħrog fuq sid il-karozza.

Dan se jwassal biex il-Kunsill Lokali se jkollu d-dettalji mhux biss ta' min qed joqgħod fl-appartament, imma wkoll l-Amministraturi u s-sidien, Din is-sistema għandha benefiċċji ferm aktar wiesgħa mill-iskart għaliex permezz tagħhom entiajiet oħra se jkunu jistgħu jiċċekkjaw hemmx abbuzi oħra bħal dak li jkollok nies fl-appartament iktar milli hu permessibbli. Mhux biss, imma wieħed ikun jista' jivverifika jekk dak l-appartament hux registrat mal-Awtorita' Maltija għat-Turizmu biex izomm in-nies.

**Reġistrazzjoni ta' Barranin li qed jgġixu fil-lokalita'.**

Qed jigi propost ukoll illi meta jkollok barrani li ġie Pajjizna biex jaħdem għal ċertu numru ta' gimgħat, dan għandu jkollu l-obbligu li jmur jirregistra ruħu mal-Kunsill Lokali u jagħti d-dettalji fejn u ma min qed joqgħod jekk ikun il-kaz.

Ħafna lokalitajiet bħal mhu s-Swieqi, hemm komunitajiet sħaħ ta' Serbi u Bulgari li ilhom jgħixu hemm għal diversi xhur u snin. Dawn mhux dejjem jikkoperaw mal-Kunsill Lokali u l-Kunsill ma jkollu l-ebda dettalji tagħhom jekk irid jaghmel rapport lil Awtoritajiet.

Din ukoll issir f' Pajjizi oħra u ma narax għalfejn ma tistax issir f' Pajjizna ukoll

**'Spot Checks' fuq il-kolletturi**

Lura għall-infurzar, hemm min jgħid u jilmenta illi huma bħala residenti jagħmlu sagrificcju u jisseparaw l-iskart taghhom imbghad jigi l-kollettur u jhallat kollox f' daqqa. Xi haga li twassal biex l-isforz li jkun għamel ic-ċittadin jitħarbat f' ħakka t' għajn.

Hawn qed ngħidu li għandu jkun hemm spezzjonar frekwenti fuq vetturi tal-kolletturi sabiex tiġi eliminata din il-perċezzjoni, li donna qed issir realta'.

**Kamra tal-iskart f' kumplessi ta' iktar minn 4 appartamenti**

Il-parti l-kbira tal-izvilupp li qed isir, partikolarment binjiet ta' kumplessi ta' appartamenti, mhux ikollhom fejn is-sidien tagħhom iħallu l-iskart sakemm isir il-ħin biex dan jinħareg għal ġbir.

Barra minn pajjizna, l-appartamenti huma attrezzati b' 'shoots' li direttament iwasslu għal kamra tal-iskart fil-basement tal-kumpless. Minn hemm imbgħad, il-kollettur ikun jista' jiġbor il-boroz kollha bla ma jkun hemm il-ħtiega li dawn jinħarġu barra.

Forsi din ma tistax issir f' kull zvilupp f' pajjizna imma zgur li għandu jkun infurzat illi kull kumpless ikollu kamra fejn fiha jista' jittpoġġa skip kbir sabiex is-sidien ikollhom fejn iħallu l-boroz tagħhom sal hin tal-ġbir. Għandu jkun hemm multi kbar fejn dan ma jsirx.

**Leġislazzjoni ġdida fuq id-dominju pubbliku**

Bidla ohra li hemm bzonn fil-ligi hija dwar id-dominju pubbliku. Sfortunatment għadna sitwazzjoni fejn jekk xi ħadd johrog borza barra li tkun fil-parametri tal-parapett jew daħla ta' blokk imma 'l gewwa mill-bankijna, minkajja li xorta barra, dan ma jistax jiġi mħarrek għaliex hemm huwa meqjus bħala parti privata mil-blokka.

Dan ma jregiex ghaliex jekk stess, il-blokka hija ta' iktar minn persuna waħda u għalhekk, min qed jabbuza, xorta waħda qed johloq inkonvenjent għal ħaddiehor. Barra dan, jekk il-borza titqatta, il-ħmieg u skart ta' ġo fiha se jispiċċa jiġri ma kullimkien

Għaldaqstant, qed nipproponu wkoll din l-emenda fil-ligi.

**Ħinijiet tal-Ġbir**

Għadna bis-serjeta' nistudjaw il-possiblita' li l-iskart jibda jinġabar f' ħin fejn forsi jgħin sabiex inqas boroz jinħarġu barra minn ħinhom. Dan jagħti possibilita' biex ikun hemm ħinijiet iktar konvenjenti għar-resdienti u nkunu qed nippruvaw niffaċilitaw u ngħinu biex il-lokalitajiet jinzammu iktar nodfa.

Possibilment, dan jgħin ukoll il-flow tat-traffiku fis-sigħat inizjali tal-għodwa għaliex ma jigix affettwat it-traffiku ta' filgħodu.

**Hubs Lokali**

Fosri wasal iz-zmien ukoll li nikkunsidraw li jkun hemm hubs lokali fejn wieħed jista' jitfa l-iskart tiegħu. Dawn iridu jsiru wara studju kbir u b' konsultazzjoni wiegħsa. Illum kulhadd joħrog jaħdem u kulħadd juza l-karozza privata tiegħu. Nemmen li wasal iz-zmien li jkun hemm proġett pilota fejn ikun hemm hubs fil-konfini tal-lokalitajiet fejn l-iskart jintefa' hemm mir-residenti stess u l-kollettur ikun jista' jiġbor kollox minn dawn il-hubs. Dan iwassal sabiex ikun hemm inqas traffiku fil-qalba tal-irhula u jonqsu wkoll l-emmissjonijiet minn trakkijiet kbar li bħalissa qed iduru f' kull triq ta' pajjizna, kultant f' kobor li jsibu diffikulta' biex jimmanuvraw.

Xi ħaga bħal din tista' tagħti alternattiva ohra billi l-kolletur idur bi trakkijiet izgħar fit-toroq tal-irhula u jmur ibattal f' dawn il-hubs meta jkun hemm bzonn. Trakkijiet kbar jintuzaw bies jigu mbattla dawn il-hubs għall-impjanti rispettivi. Dan isolvi wkoll il-

problema li għandhom bosta lokalitajiet fejn minħabba ċ-ċokon ta' ċertu toroq, trakkijiet kbar jagħmlu ħsara lill-bankini u kultant anki residenzi privati.

Din hija proposta li trid tiġi studjata sew u tibda b' proġett pilota f' ċertu lokalitajiet zgħar u fejn hemm aċċess li dawn jistgħu isiru.

**Konkluzjoni**

Nemmnu li dawn il-proposti mhux se jsolvu l-problema mill-llum għal għada imma bl-istess mod, bihom se naraw tibdil drastiku għall-aħjar f' dik li hi ndafa f' Pajjizna.

Għax minbarra l-probelma nazzjonali tal-iskart, hemm ukoll is-saħħa u l-ambjent immedjat li l-familji tagħna qed jgħixu fih.

Nemmnu li bl-introduzzjoni ta' dawn il-mizuri, Pajjizna mhux biss isir isbaħ u iktar nadif imma wkoll tinbidel il-kultura tagħna minn ta' x' jimpurtani għal wahda iktar b' sens ċiviku u dixxiplina.

Fin-nuqqas tagħhom, nibzgħu li l-Kunsilli Lokali mhux se jkunu jistgħu jibqgħu parteċipi f' dan il-progett ta' straterġija nazzjonali sabiex Pajiizna jkompli jzied it-trattament tal-isksrt tiegħu. Il-Kunsilli jridu jikkoperaw u jkunu parti minn din l-inizjattiva. Sabiex jagħmlu dan, iridu l-għajuna.

Għalhekk l-appell huwa wieħed; għejnuna sabiex inkunu nistgħu ngħinukom.

Mario Fava

President

Assocjazzjoni Kunsilli Lokali